# QORTI ĊIVILI PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF TONI ABELA LL.D.

**Seduta ta' nhar il-Ħamis, 18 ta' Jannar, 2024**

**Numru 1**

**Rikors Numru 1178/10TA**

**Johanna Borg (K.I. 470748M)**

**Maria Concetta sive Marie Zammit (K.I. 37458M)**

**vs**

**Antoinette Cremona (K.I. 791550M)**

**Carmel sive Charles Cremona (K.I. 918547M) għal kull interess li jista' jkollu u b'digriet tal-15 ta' Ġunju 2021 stante l-mewt ta' Carmel sive Charles Cremona fil-mori tal-kawża il-ġudizzju f'ismu ġie trasfuż f'isem l-istess Antoinette Cremona**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ġuramentat ta' Johanna Borg u Maria Concetta sive Marie Zammit (l-Atturi) tat-12 ta' Novembru 2010 minn Johanna Borg li permezz tagħha ppremettew u talbu s-segwenti:-

"DIKJARAZZJONI

1. Illi l-atturi u l-konvenuta Antoinette Cremona huma l-ulied superstiti ta' Mary Angela Meli li mietet fit-18 ta' Jannar 2007 fl-età ta' 93 sena u dana kif jirriżulta mil-anness ċertfikat Dok. A, filwaqt li l-

konvenut Carmel *sive* Charles Cremona huwa r-raġel tal-konvenuta Antoinette Cremona.

2. Illi l-atturi u l-konvenuta Antoinette Cremona huma l-aħwa superstiti ta' Rita Meli li mietet xebba mingħajr tfal u intestata, fil-5 ta' Mejju 2004.

3. Illi mir-riċerki testamentarji effettwati (kopja tagħhom hawn annessa u mmarkata bħala Dok. B u Dok. C) l-aħħar testment magħmul mill-imsemmija Mary Angela Meli, huwa dak sigriet datat 17 ta' Lulju 2004 u ippreżentat minn Nutar Herbert Cassar fit-22 ta' Lulju 2004 (kopja tiegħu hawn anness u mmarkat Dok. D).

4. Illi *ai termini* ta' l-imsemmi testment Dok. D, l-imsemmija Mary Angela Meli innominat u istitwit bħala eredi universali tagħha lit-tlett uliedha u ċjoè Johanna Borg, Antoinette Cremona u Maria Concetta Zammit.

5. Illi *ai termini* ta' l-imsemmi testment Dok. D, l-attriċi Maria Concetta Zammit (*née* Meli) ġiet mħollija legat "*il-flus kollha li jkunu depożitati f'isem it-testatriċi f'banek f'Malta kif ukoll f'banek barra minn Malta*"

6. Illi bis-saħħa ta' prokura li kellha fil-pussess tagħha l-intimata approprijat ruħha minn somom ta' flus li ma kienux għall-bżonnijiet u għall-użu ta'ommha kif ser jirriżulta fit-trattazzjoni tal-kawża;

7. Illi fost l-assi formanti parti mill-eredità ta' l-imsemmija Mary Angela Meli, kien hemm il-fond dar ta' abitazzjoni tagħha, numru tnejn u sebgħin (72), Norfolk Street, Sliema li *ai termini* ta' l-imsemmi testment, it-testatriċi kienet fit-Tielet Artikolu iddisponiet li mal-mewt tagħha din għandha tinbiegħ u l-introjtu tagħha jiġi maqsum ugwalment bejn l-eredi fuq imsemmija u dana bil-modalità hemm stipulata.

8. Illi però wara l-mewt ta' ommhom l-atturi skoprew li permezz ta' kuntratt datat 21 ta' April 2006 atti Nutar Dottor Tania Farrugia (kopja tiegħu hawn annessa u mmarkata Dok. E), l-imsemmija Mary Angela Meli biegħet, assenjat u ttrasferiet lill-konvenuti konjuġi Cremona l-imsemmi fond numru 72, f'Norfolk Street, Sliema u dana versu l-prezz dikjarat ta' ħamsin elf lira Maltin (Lm50,000), f'liema kuntratt il-venditriċi żammet id-dritt ta' abitazzjoni *vita durante* u ddikkjarat li "qed tħalli lill-kumpraturi l-għamara kollha inkluż nkwatri u važuni eżistenti fil-fond…"

9. Illi għalkemm fuq il-kuntratt ġie dikjarat li l-prezz ta' ħamsin elf lira Maltin (Lm50,000) tħallas kollu dakinhar tal-kuntratt mill-konvenuti,

jirriżulta li fir-realtà l-ebda ammont ma ġie mħallas dakinhar jew li inkella suċċessivament għadda favur l-imsemmija Mary Angela Meli u dana kif ser jirriżulta aħjar waqt it-trattazzjoni tal-kawża.

10. Illi kif ser jiġi wkoll ippruvat aħjar waqt it-trattazzjoni tal-kawża, dan il-bejgħ kien wieħed simulat u fir-realtà ma hu xejn għajr donazzjoni favur il-konvenuta Antoinette Cremona u dana l-att sar finalment sabiex jilledi d-drittijiet ta' l-atturi.

11. Illi jirriżulta wkoll li permezz ta' att pubbliku datat 10 ta' Ġunju 2005 fl-atti tan-Nutar Herbert Cassar (Dok. F), l-imsemmija Mary Angela Meli kienet iddonat lill-attriċi Maria Concetta Zammit u lill-konvenuta Antoinette Cremona, is-somma ta' tnax-il elf lira Maltin (Lm12,000) [€27,952.48] lil kull waħda minnhom (mingħajr il-ħelsien mill-obbligu tal-kollazzjoni) u dana *in vista* tal-fatt li allegatament kienet ġiet fdata s-somma ta' tmient telef lira Maltin (Lm8,000) [€18,634.99] lill-attriċi Johanna Borg għal iżjed minn ħamsa u għoxrin (25) sena u matul dan il-perijodu hija allegatament żammet l-imgħaxijiet. Effettivament, kif ser jirriżulta wkoll aħjar matul it-trattazzjoni tal-kawża, dawn it-tmient elef lira Maltin (Lm8,000) kienu ġew fdati lill-attriċi Johanna Borg fis-sena 2000 u huma fir-realtà l-ammont ta' Lm8,000 li jissemmew fit-testment Dok. D u li għadhom iddepożitati mal-Lombard Bank Malta p.l.c.

12. Illi l-atturi talbu lill-konvenuta sabiex din tersaq għall-likwidazzjoni u qasma tal-assi ereditarji ta' ommhom skont il-liġi, iżda din qed tirrifjuta li tagħmel dan.

<u>RAĠUNI TAT-TALBA</u>

Illi l-atturi u l-konvenuta huma wlied Mary Angela Meli li mietet fit-18 ta' Jannar 2007;

Illi l-imsemmija Mary Angela Meli għamlet diversi testmenti, bl-aħħar wieħed ikun dak sigriet datat 17 ta' Lulju 2004 permezz ta' liema nnominat u istitwit lit-tlett uliedha il-kontendenti aħwa Meli bħala eredi universali tagħha;

Illi fost l-assi ereditarji appartenenti lill-imsemmija Mary Angela Meli kien hemm il-fond dar numru 72, f'Norfolk Street, Sliema liema fond skont l-imsemmi testment sigriet tagħha, wara mewtha kellu jinbiegħ u r-rikvat jinqasam ugwalment bejn it-tlett eredi tagħha;

Illi però wara l-mewt ta' ommhom, l-atturi ndunaw li permezz ta' kuntratt datat 21 ta' April 2006 atti Nutar Dottor Tania Farrugia din kienet biegħet, assenjat u ttrasferiet lill-konvenuti konjuġi Meli 'l fuq imsemmi

fond u dana versu l-prezz dikjarat fuq l-att ta' ħamsin elf lira Maltin (Lm50,000);

Illi skont l-imsemmi kuntratt ta' trasferiment, l-imsemmija Mary Angela Meli ħalliet ukoll lill-konvenuti l-għamara kollha eżistenti fid-dar lill-konvenuti, liema għamara kienet tinkludi kemm beni formanti parti mill-assi ereditarji ta' missier l-atturi kif ukoll oħrajn formanti parti mill-assi ereditarji ta' oħthom Rita Meli li tagħhom l-atturi huma werrieta;

Illi jirriżulta, u kif ser anki jiġi aħjar ippruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawża, li l-ebda ammont ta' flus ma tħallas mill-konvenuti konjuġi Cremona lill-imsemmija Mary Angela Meli għall dak li allegatament kellu jkun il-prezz tat-trasferiment tal-fond imsemmi;

Illi dan il-fuq imsemmi kuntratt fir-realtà mhux wieħed ta' bejgħ iżda huwa donazzjoni magħmula favur il-konvenuta Antoinette Cremona u dana bi preġudizzju tal-atturi;

Illi għalhekk din il-proprjetà hija inkluża u suġġetta għall-kollazzjoni skont l-Artikolu 915 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, fi kwalunkwe każ il-prezz tal-proprjetà li ġie dikjarat li tħallas iżda li ma tħallasx, hu inferjuri għal valur rejali tal-proprjetà inkwistjoni u għalhekk l-att jikkonsisti f'att ta' liberalità;

Illi l-konvenuti żammew il-mobbili kollha li ħalliet il-mejta Rita Meli, oħt il-kontendenti li mietet xebba u mingħajr tfal fil-5 ta' Mejju 2004 (Dok. G);

Illi għalkemm interpellata sabiex tersaq għall-likwidazzjoni u diviżjoni ta' l-assi ereditarji ta' Mary Angela Meli skont il-liġi, u dana anki permezz ta' ittra uffiċjali, il-konvenuta baqgħet però inadempjenti u għalhekk kellha ssir din il-kawża.

<u>TALBIET</u>

Illi jgħidu għalhekk il-konvenuti għaliex m'għandhiex din l-Onorabbli Qorti, prevja d-dikjarazzjonijiet opportuni:

1. Tiddikjara u tiddeċiedi fuq il-konsistenza tal-assi tal-mejta Mary Angela Meli;

2. Tiddikjara u tiddeċiedi fuq il-konsistenza tal-assi tal-mejta Rita Meli;

3. Tiddikjara u tiddeċiedi li l-kuntratt ta' bejgħ li sar fl-atti tan-Nutar Dottor Tania Farrugia datat 21 ta' April 2006 (Dok E) hu simulat u fil-fatt hu donazzjoni a favur tal-konvenuta Antoinette Cremona.

4. In linea sussidjarja u alternattiva, f'każ li din l-Onorabbli Qorti tiċħad it-talba preċedenti, tiddikjara li l-valur dikjarat fuq il-fuq

imsemmi kuntratt atti tan-Nutar Dottor Tania Farrugia datat 21 ta' April 2006 (Dok. E) u allegatament imħallas mill-konvenuti, hu inferjuri għall-valur proprju tal-proprjetà trasferita u għalhekk dan l-att jikkonsisti f'att ta' liberalità, u dana okkorrendo anki bl-għajnuna ta' periti nominandi sabiex jivvalutaw il-proprjetà inkwistjoni.

5. Tiddikjara u tiddeċiedi li l-proprjetà immobiliari 72, Norfolk Street, Sliema hija inkluża u suġġetta għall-kollazzjoni skont l-Artikolu 913 *et sequitur* tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta u dan jekk hemm bżonn anki bl-għajnuna ta' periti nominandi sabiex jivvalutaw il-proprjetà immobbli.

6. Tiddikjara u tiddeċiedi fuq l-ammonti tal-legati spettanti lill-attriċi Maria Concetta Zammit.

7. Tordna li l-attriċi Maria Concetta *sive* Marie Zammit tiġi immessa fil-pussess tal-legat imsemmi.

8. Tiddikjara u tiddeċiedi li l-assi tal-mejta Mary Angela Meli, wara li jitħallsu l-legati skont kif stipulat fl-aħħar testment tagħha (Dok. D) u wara li ssir il-kollazzjoni skont il-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta, għandhom jinqasmu fi tlett (3) porzjonijiet ugwali bejn it-tlett werrieta tagħha u ċjoè il-kontendenti Johanna Borg, Maria Concetta *sive* Marie Zammit u Antoinette Cremona.

9. Tiddikjara u tiddeċiedi li l-assi tal-mejta Rita Meli, għandhom jinqasmu fi tlett (3) porzjonijiet ugwali bejn it-tlett werrieta tagħha u ċjoè il-kontendenti Johanna Borg, Maria Concetta *sive* Marie Zammit u Antoinette Cremona

10. Tillikwida u tiddividi, okkorrendo bin-nomina ta' periti nominandi, is-sehem dovut lill-kull waħda mill-imsemmija eredi ta' Mary Angela Meli u tordna li kull waħda mill-eredi għandha titħallas is-sehem tagħha hekk likwidat u diviż.

11. Tillikwida u tiddividi, okkorrendo bin-nomina ta' periti nominandi, is-sehem dovut lill-kull waħda mill-imsemmija eredi ta' Rita Meli u tordna li kull waħda mill-eredi għandha titħallas is-sehem tagħha hekk likwidat u diviż.

Bl-ispejjeż kontra l-konvenuti li minn issa huma nġunti in subizzjoni."

Rat ir-risposta ġuramentata ta' Antoinette Cremona li stante il-mewt ta' Charles Cremona fil-mori tal-Kawza saret l-unika konvenuta (il-konvenuta) tas-17 ta' Jannar 2011 li permezz tagħha wieġbet is-segwenti:

> "1. Illi l-esponenti Antoinette Cremona taqbel mal-ewwel (1), it-tieni (2), is-sitt (6), is-seba' (7), it-tmien (8), id-disa' (9), l-ghaxar (10) u l-hdax (11) it-talba tal-atturi, u dana peress li l-esponenti stess ilha zmien tinsisi mal-atturi li kull pendenza relatata mal-wirt tal-mejtin Mary Angela Meli u Rita Meli kellhom jigu rizolti. Ovvjament, meta jsir l-ezercizzju tal-formazzjoni tal-massa ereditarja, ghandhom jigu inkluzi wkoll l-oggetti mobbli kollha li ittiehdu mill-atturi, u dana apparti li ghandu jigi imputat il-wirt dak kollu li gie moghti minn Mary Angela Meli u Rita Meli lill-istess atturi matul hajjitha.
>
> 2. Illi għal dak li jirrigwarda t-tielet (3) talba attrici, jigi eccepit li ma huwiex minnu dak allegat mill-atturi li kuntratt ta' bejgh fl-atti tan-Nutar Tania Farrugia tal-21 ta' April 2006 hu simulat peress li kien fil-fatt donazzjoni. Apparti minn hekk, l-oggett mobbli imsemmija fil-kuntratt gew mibjugha flimkien mal-fond 72, Norfolk Street, Sliema.
>
> 3. Illi kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza bl-agir tal-atturi taghhom effettivament accettaw l-imsemmi bejgh, bil-konsegwenza li huma prekluzi milli jittantaw il-kuntratt li bis-sahha tieghu sehh it-trasferiment.
>
> 4. Illi anke r-raba (4) talba attrici hija kontestata peress li l-valur tal-bejgh tal-fond 72, Norfolk Street, Sliema kien wiehed rejali u l-att fl-ebda mod ma jikkonsisti f'att ta' liberalita'.
>
> 5. Illi l-hames (5) talba attrici qieghdha tigi wkoll ikkontestata, fis-sens illi l-fond 72, Norfolk Street, Sliema u l-oggetti mobbli trasferiti mieghu ma jistawx ikunu soggetti ghall-ezercizzju tal-kollazzjoni kif rikjest mill-atturi."

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Rat id-dokumenti li ġew esebiti in atti;

Qrat ix-xhieda fil-kawża;

Rat il-verbal tal-udjenza tal-5 ta' Diċembru 2023 fejn il-kawża tħalliet għal-lum għas-sentenza.

**Punti ta' fatti**

Il-partijiet f'din il-kawża huma tlett aħwa ta' Rita Meli, li mietet intestata fil-5 ta' Mejju 2004, ta' 57 sena (ara ċertifikat tal-mewt a' fol 23) u ulied Mary Angela Meli li mietet testata fit-18 ta' Jannar 2007, ta' 93 sena (ara ċertifikat tal-mewt a' fol 7).

Li Rita Meli mietet intestata mhux korraborat bil-preżentata ta' riċerki testamentarji. Dan il-fatt madanakollu ma ġiex kontestat mill-Konvenuta.

Il-wirt ta' Mary Angela Meli huwa regolat bl-aħħar testment tagħha li kien wieħed sigriet, magħmul fis-17 ta' Lulju 2004 (ara fol 13 u riċerki testamentarji a' fol 8 u 9).

F'dan it-testment sigriet ġie dikjarat li Mary Angela Meli tinsab fil-pieni sensi tagħha u kapaċi skont il-liġi skont kif konfermat b'ċertifikat mediku anness mal-istess testment redatt mit-tabib J. Vella Baldacchino (a' fol 9A).

In forza ta' dan it-testment sigriet, Mary Angela Meli riedet u ordnat dan li ġej:

1. Fl-Ewwel artikolu hija ħasret, irrevokat u annullat għal kollox it-testmenti preċedenti li hija għamlet, li kienu kollha pubbliċi, u ordnat li, wara mewtha, l-wirt tagħha jiġi regolat biss b'dan it-testment sigriet.

2. Fit-Tieni artikolu hija ordnat li wara mewta isirilha xahar quddies Gregorjan, in suffraġju ta' ruħha.

3. Fit-Tielet u r-Raba artikoli hija ordnat li, wara mewta, d-dar tal-abitazzjoni tagħha, numru 72, Norfolk Street, Sliema, libera u frank, u d-dar numru 49, Vincenzo Bugeja Street, Hamrun, soġġetta għaċ-ċens ta' LM2.35c (€5.47c) fis-sena, għandhom jinbiegħu u l-introjtu tagħhom jiġi maqsum ugwalment bejn l-eredi tagħha nominati fid-disa' artikolu. Fil-każ tal-fond tal-Ħamrun, dan il-bejgħ għandu jsir "*meta l-eredi jakkwistaw lura ċ-ċavetta u l-pussess tagħha*". Din saret fl-1 ta' Diċembru 2004 (ara skrittura a' fol 704).

F'dawn l-Artikoli, t-testatriċi Mary Angela Meli ordnat ukoll il-mod kif għandu jiġi pattwit u eżegwit il-bejgħ ta' dawn iż-żewġ fondi, ossia "*li għandu jiġi inkarigat perit indipendenti sabiex jivvaluta din id-dar, u din id-dar ma tkunx tista tinbiegħ bi prezz inqas min din il-valutazzjoni sakemm ma jkunx hemm qbil unanimu bejn l-eredi kollha. Jekk xi ħadd mill-eredi tiegħi jkun irid jixtri din id-dar din għandha jkollha preferenza fuq barranin. Fil-każ li aktar min eredi waħda tkun tixtieq li tixtri din id-dar, id-dar tinbiegħ lil min joffri l-aħjar prezz.*"

Minkejja dak ordnat b'dawn iż-żewġ artikoli, iż-żewġ fondi msemmija ġew fil-fatt trasferiti b'titolu gratuwitu mit-testatriċi stess matul ħajjitha.

Id-dar numru 49, Vincenzo Bugeja Street, Ħamrun ġiet minnha hekk mibjugħa lil terzi, ċerti Francesco sive Fank u Antonia konjuġi Bonnici, b'kuntratt ta' bejgħ datat 3 ta' Ġunju 2005 fl-atti tan-Nutar Anthony Grech, għal prezz ta' LM39,500 ekwivalenti għal €92,010.25 (ara kuntratt a' fol 224).

Id-dar numru 72, Norfolk Street, Sliema ġiet minnha hekk mibjugħa lil bintha l-konvenuta Antoinette Cremona u żewgha b'kuntratt ta' bejgħ datat 21 ta' April 2006, fl-atti tan-Nutar Tania Farrugia, għal prezz ta' LM50,000, ekwivalenti għal €116,468.67c (ara kuntratt a' fol 16).

F'dan il-bejgħ it-testatriċi venditriċi kkostitwit favur tagħha, "*mingħajr ebda ħlas u konsiderazzjoni*", dritt ta' użu u abitazzjoni *vita durante* u ddikjarat li "*qed tħalli lil kumpraturi* [Konvenuti] *l-għamara kollha inkluż inkwatri u važuni eżiżtenti fil-fond fuq deskritt.*" (ibid.)

Ma' l-istess kuntratt, ġie anness ċertifikat mediku fejn ġie dikjarat minn Dr. J. Vella Baldacchino li t-testatriċi venditriċi tinsab fil-pjeni

poteri mentali tagħha u kapaċi skont il-liġi biex taffetwa dan il-bejgħ (ara fol 19).

4. Fil-Ħames artikolu hija ħalliet b'titolu ta' legat konsegwibbli wara mewta t-terran bil-basement tiegħu, sottopost għal mezzanin numru 47, Saint Vincent Street, Sliema, soġġett għaċ-ċens temporanju ta' 37ċ.5m fis-sena, lin-neputija tagħha Isabelle Borg, bint bintha Johanna, Attriċi f'din il-kawża, u żewġha Lino Borg.

   Jirriżulta li Mary Angela Meli għandha biss l-utile dominju temporanju ta' dan il-fond. Dan jagħlaq fis-sena 2029, jiġifieri ħames snin oħra (ara riċerki a' fol 573).

5. Fis-Sitt artikolu hija ħalliet b'titolu ta' Legat konsegwibbli wara mewta l-mezzanin numru 275, Saint Paul's Street, San Pawl il-Baħar, soġġett għaċ-ċens ta' LM1.44c kull ħames snin, lin-neputijiet tagħha Jamie u Adrian aħwa Cremona, ulied bintha Antoinette, Konvenuta f'din il-kawża, u żewġha Carmel Cremona.

6. Fis-Seba' artikolu hija ħalliet b'titolu ta' legat konsegwibbli wara mewtha l-flus kollha depositati f'isimha kemm f'banek f'Malta, kif ukoll f'Banek barra min Malta lil bintha Maria Concetta Meli, Attriċi f'din il-kawża.

   Jirriżulta nkontestat li, matul ħajjet it-testatriċi, dawn il-flejjes kienu qed jiġu amministrati min bintha l-Konvenuta bis-saħħa ta' prokura

ġenerali datata 24 ta' Awwissu 2005 (ara prokujra a' fol 163, ara xhieda Konvenuta a' fol 182 et seq).

7. Fit-Tmien artikolu hija ddikjarat li s-somma ta' LM8,000 (€18,634.99c) li għandha depositati f'isem bintha Johanna Borg, attriċi f'din il-kawża, fil-Lombard Bank Malta plc, "*ma huwiex inkluż mad-depożiti bankarji imsemmija fis-sebgħa artikolu. Nordna li min dan id-depositu għandu jitħallas il-funeral tiegħi, ix-xahar quddies Gregorjan, u l-bilanċ tiegħu jinqasam bejn le-eredi*" nominati fid-disa' artikolu.

   Fuq din is-somma hekk depositata saru diverżi dikjarazzjonijiet f'diverżi skritturi preżentati in atti (ara fol 21, 53, 54, 55, 223, 707).

   Jirriżulta li l-funeral u x-xahar quddies Gregorjan fil-fatt tħallsu mill-Attriċi bintha Johanna Borg mis-somma hekk depositata (ara affidavit Attriċi Johanna Borg a' fol 36 para 11 u rċevuti Dok JB6 a' fol 56 fl-ammont ta' LM664, Dok JB7 a' fol 57 fl-ammont ta' LM60, Dok JB8 a' fol 58 fl-ammont ta' LM90 u Dok JB9 fa' fol 59 fl-ammont ta' LM68.25).

8. Fid-Disa' artikolu hija nnominat bħala eredi universali tagħha lit-tlett ulieda partijiet f'din il-kawża, ossia l-Attriċi Johanna Borg, il-Konventua Antoinette Cremona, u l-Attriċi Maria Concetta Meli,

flimkien indaqs bejniethom, bid-dritt tal-akkrexximent bejniethom, u bis-sostituzzjoni tar-rispettivi uliedhom.

9. Fl-Għaxar artikolu hija ordnat li "*mill-aktar fis possibli wara mewti, l-eredi tiegħi fuq nominati jidhru fuq kuntratt notarili sabiex jimmettu l-legatarji fil-pussess tal-legati immobbiljari lilhom imħollija b'dan it-testment, u każ li xi ħadd minnhom tirrifjuta li tagħmel dan, titlef kull benefiċċju lilha imħolli b'dan it-testment, u jkun imissha biss il-leġittima skond il-liġi.*"

**<u>Punti ta' Liġi</u>**

B'din l-azzjoni, l-Atturi qed jitolbu lil din il-Qorti tillikwida u tiddividi is-sehem dovut lilhom u lil oħthom il-Konvenuta Antoinette Cremona mill-ereditá ta' ommhom Mary Angela Meli u oħthom Rita Meli u tordna li kull waħda mill-eredi għandha titħallas is-sehem tagħha hekk likwidat u diviż (ara talba numru 10 u 11). Dan wara li tiddikjara u tiddeċiedi fuq il-konsistenza tal-assi tal-mejta ommhom Mary Angela Meli u oħthom Rita Meli (talba numru 1 u 2); li l-kuntratt ta' bejgħ tal-fond 72, Norfolk Street, Sliema fl-atti tan-Nutar Tania Farrugia datat 21 ta' April 2006 hu simulat u fil-fatt hu donazzjoni a favur tal-konvenuta Antoinette Cremona jew, sussidjarjment u alternattivament f'każ li tiċħad din it-talba, tiddeċiedi li l-valur dikjarat fuq l-imsemmi kuntratt hu inferjuri għall-valur proprju tal-proprjetá hemm trasferita u għalhekk dan l-att jikkonsisti f'att ta' liberalitá (talba numru 3 u 4); li l-proprjetá 72, Norfolk Street, Sliema hija inkluża u

suġġetta għall-kollazzjoni skont l-Artikolu 913 et seq tal-Kap 16 (talba numru 5); fuq l-ammonti tal-legat spettanti lill-attriċi Maria Concetta Zammit u tordna lill-istess attriċi tiġi immessa fil-pussess tal-legat imsemi (talba numru 6 u 7); u li jinqasmu fi tlett porzjonijiet ugwali bejn it-tlett werrieta partiijiet fil-kawża l-assi tal-mejta Rita Meli u Mary Angela Meli, wara li jitħallsu l-legati stipulati fl-aħħar testment tagħha u wara li ssir il-kollazzjoni (talba 8 u 9).

L-azzjoni hawn esperita hija għalhekk essenzjalment imsejsa fuq l-artikolu 496 tal-Kodiċi Ċivili. Il-prinċipji ġuridiċi marbutin ma' din l-azzjoni ġew esposti mill-Qorti tal-Appell fis-sentenza **Maria Grima Baldacchino v. Antonia sive Tania Baldacchino et** datata 13 ta' Mejju 2013 kif ġej:

"*20. Illi b'mod generali, il-ligi, ghalkemm tirrikonoxxi l-istat tal-komunjoni tal-proprjetá, ma tharisx lejh b'mod favorevoli, kemm ghax dan l-istat jista' jwassal ghal diversi litigji u kawzi bejn il-komproprjetarji, kif ukoll ghax jillimita l-uzu li dawn individwalment jistghu jaghmlu tal-proprjeta` taghhom. Dan huwa l-hsieb wara l-Artikolu 496 li, sa fejn hu relevanti jiddisponi li: "[1] Hadd ma jista' jigi mgieghel li jibqa' fil-kumunjoni, u kull wiehed mill-komproprjetarji jista' dejjem ... ... jitlob il-qasma..."*

*21. Konformament mal-hsieb tal-ligi, il-gurisprudenza nostrana nisslet il-principju ormai assodat li fil-kaz ta' assi ereditarji [familiae erciscundae] m'hijiex permessa divizjoni parzjali, jekk mhux bil-kunsens tal-kompropretarji kollha.*

*22. Huwa minnu li l-istess hsieb wassal sabiex dan il-principju jigi estiz ukoll ghal actio de communi dividundo bhal fil-kaz* ***Giorgio Pulo v. Francesco Pulo*** *(PA [WH] deciz 1 Frar 1936 – Vol.XXIX!.ii. 941. Dan kien kaz fejn intalbet id-divizjoni ta' erba' mezzanini adjacenti ma' xulxin proprjeta` indiviza tal-kollitiganti. Ara ukoll: App.C.* ***Joseph Borg v. Emanuele Vella*** *deciza 3 Marzu 1995).*

*23. Izda kull kaz ghandu jigi ezaminat singolarment fuq il-mertu tieghu (PA [JRM]* ***Paul Camilleri v. Frank Camilleri*** *10 Jannar 2008).*"

**<u>Konsiderazzjonijiet</u>**

Il-Qorti se tibda billi tiddetermina t-tielet qabel kull talba oħra. Dan peress li l-eżitu tagħha għandu effett fuq il-bqija tat-talbiet l-oħra, primarjament fuq il-konsistenza tal-ġid ta' l-omm Mary Angela Meli u tal-valur tas-sehem dovut lill-kontendenti.

Permezz ta' din it-tielet talba, l-Atturi qed jitolbu dikjarazzjoni li t-trasferiment tal-fond 72, Norfolk Street Sliema, li sar bil-kuntratt datat 21 ta' April 2006, huwa simulat billi l-vera intenzjoni tal-kontraenti ma kienitx illi jaddivjenu għal kuntratt b'titolu oneruż iżda trasferiment b'titolu gratuwitu.

Fis-sentenza **Angela Galea et vs Grazio Borg et** mogħtija fil-11 ta' Lulju 2008, il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Ġurisdizzjoni Superjuri, elenkat il-prinċipji li jirregolaw is-simulazzjoni kif ġej:

"• *Is-simulazzjoni tista' tkun assoluta (cjoe' kuntratt assolutament fittizju u l-partijiet ma riedu jikkonkludu xejn) jew relattiva (il-partijiet ikunu ghamlu kuntratt taht apparenza ta' iehor);*

• *L-iskop ta' azzjoni ta' simulazzjoni relattiva hu li jerga' jaghti r-realta' ta' l-att u mnehhija l-forma apparenti tieghu, fis-sens li jigi skopert il-ftehim li effettivament il-partijiet riedu jimmaskeraw;*

*"La simulazione relativa puo' investire il **tipo contrattuale, ossia essere volta a celare, dietro ad un contratto apparente,** un contratto vero corrispondente ad un diverso schema negoziale. Cosi', ad es., se Primus intende trasferire a Secundus la proprieta' di un cespite, non gia' in corrispettivo di un prezzo, come risulta dal contratto simulato tra loro concluso, bensi' a titolo gratuito, l'apparente vendita cela, nasconde, quanto le parti vogliono effettivamente, e cioe' una donazione, che e' il contratto dissimulato." (*Manuale di Diritto Privato, Andrea Torrente u Piero Schlesinger, 18 Edizjoni, Giuffre' Editore (2007) pagna 573.). *"l-att huwa simulat meta bil-volonta' tal-partijiet ikollu sinifikat apparenti divers minn dak li realment ghandu." (**Oscar Sammut nomine vs Antonio Ellul** deciza fil-15 ta' Jannar 1945 – Vol. XXXII.i.138);*

• *L-azzjoni li jkollha bhala bazi s-simulazzjoni assoluta ghandha bhala skop id-dikjarazzjoni ta' l-inezistenza assoluta ta' dak l-att. Min-naha l-ohra hu validu l-ftehim milqut minn simulazzjoni relattiva, ghalkemm per ezempju tkun simulata l-kawza jew it-titolu tal-kuntratt, diment li l-partijiet ma kellhomx l-intenzjoni li jaghmlu xi att li ma tippermettihx il-ligi. "...... fil-kaz ta' simulazzjoni relattiva, li, kif irragunat il-Qorti ta' l-Appell tar-Re fil-kawza Seychell utrinque, deciza fis-27 ta' Marzu 1936 (Kollez. Vol. XXIX.i.570), ma ghandhiex bhala skop id-dikjarazzjoni ta' nullita' jew rexxissjoni tal-kuntratt." (***Prof. Carlo Oreste Strocco vs Pietro Baldassare Contini et*** *deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili 8 ta' Novembru 1952), ghalkemm il-Qorti temmen li jista' jkollok cirkostanzi li anke f'dan il-kaz iwasslu ghal nullita'. Hekk per ezempju fejn l-att simulat ikun fir-realta' donazzjoni u ma jkunx sar b'att pubbliku fejn skond il-ligi (Artikolu 1753 tal-Kodici Civili) ikun mehtieg tali att.*

• *Il-kuntratti huma prezunti li huma sinciera u l-oneru tal-prova qieghed fuq min jimpunja l-validita' tieghu. Oneru li jsir iktar difficli fejn, bhal fil-kaz prezenti, jittratta minn att pubbliku;*

• *Sabiex tikkonkretizza ruhha s-simulazzjoni hemm bzonn li z-zewg partijiet ikunu ssimulaw* ***Maggur Joseph Frederick Gatt vs Maggur Victor Aloisius Tonna*** *deciza mill-Qorti ta' l-Appell fid-19 ta' Frar 1973. Fil-kawza* ***Luigi Spiteri Debono vs Joseph Spiteri Debono et*** *deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-5 ta' Dicembru 1953 (Vol. XXXVII.ii.797)*

*gie osservat: "Biex ikun hemm simulazzjoni jrid ikun hemm ix-xjenza tal-partijiet, kollha li jridu joholqu l-att simulat. Jekk dana l-kunsens ma jkunx hemm, l-att ma jkunx impunjabbli fil-konfront ta' min ma jkunx ta dak il-kunsens; u mhux bizzejjed li xi wahda mill-partijiet kellha l-intenzjoni, mhux espressa u esternata lill-parti l-ohra, li taghmel att simulat.".*

• *Hu fatt li hafna drabi s-simulazzjoni ssir sabiex tigi akkomodata parti wahda u kemm-il darba l-partijiet li jissimulaw ma jirrealizzawx x'inhuma l-effetti guridici kollha ta' dak li jkunu ghamlu;*

• *"....e' indubitato che in tema di azione di simulazione o di azione revocatoria o pauliana non milita in legge alcuna presunzione di frode, quando anche si tratti di atti a titolo gratuito." (**Emmanuele Micallef et vs Prof. Dr. Carmelo Sammut** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fid-29 ta' April 1925 – Vol. XXVI.i.120).*

• *Fis-sentenza fuq citata **Oscar Sammut nomine vs Antonio Ellul et**, saret riferenza ghal sentenza tal-Qorti ta' l-Appell tad-29 ta' Jannar 1931 fil-kawza **Galizia nomine vs Cuschieri** fejn gie dikjarat li fil-gudizzju ta' simulazzjoni "si deve sempre guardare agli effetti giuridici che le parti intesero ottenere mediante la stipulazione.".*

• *"Min jallega s-simulazzjoni jehtieglu jippruvaha; imma ghal dan il-fini huma ammissibili kull xorta ta' provi li tammetti l-ligi u mhumiex indispensabbli provi bil-miktub." (**Raffaele Barbara vs Emmanuele Borg***

*deciza fid-29 ta' Jannar 1937 – Vol. XXIX.837). Inoltre, fil-kawza* ***Oscar Sammut nomine vs Antonio Ellul et*** *deciza mill-Qorti ta' l-Appell fil-15 ta' Jannar 1945 gie kkonfermat li* *l-prova ta' simulazzjoni tista' ".... ssir anki bi prezunzjonijiet u kongetturi, jekk dawn ikunu gravi, precizi u konkordanti, u mhux kontradetti minn prezunzjonijiet u indizji ohra."* *(Vol. XXXII.i.138).*" (sottolinear ta' din il-Qorti).

Applikati dan l-insenjament joħroġ evidenti li dak li l-Atturi qed jitolbu huwa li l-kontrattazjoni in kwistjoni tiġi dikjarata bħala milquta minn simulazzjoni relattiva. Dan tant li t-talba tal-Atturi "*għandha bħala skop mhux id-dikjaratorja tal-ineżistenza assoluta tal-att imma li tiġi restitwita r-realtá tal-att u mneħħija l-forma apparanti*", jiġifieri li l-istess att jitqies li hu wieħed ta' donazzjoni (ara **Pace et vs Lauri et, Qorti Ċivili Prim' Awla, 12 ta' Ottubru 1950**).

Din it talba hija msejsa fuq il-kawżali prinċipali li "*għalkemm fuq il-kuntratt ġie dikjarat li l-prezz ta' LM50,000 tħallas kollu dakinhar tal-kuntratt mill-konvenuti, jirriżulta li fir-realtá l-ebda ammont ma ġie mħallas dakinhar jew li inkella suċċessivament għadda favur l-imsemmija Mary Angela Meli*" (ara premessa numru 9).

Ġie determinat f'dan ir-rigward li "[p]*unt kruċjali li fil-fehma tal-Qorti għandu jiġi ndirizzat u li jista' jiddetermina jekk l-attriċi għandhiex raġun huwa jekk seħħx il-ħlas. Dan li jiddetermina jekk fl-aħħar mill-aħħar il-kuntratt kienx verament simulat jew le stante li fid-dawl tas-suespost, jekk*

*ma jkunux għaddew flus bejn il-partijiet ikun jidher biċ-ċar li l-kuntratt ma kien xejn ħlief fittizju.*" (**Margaret Mula vs Anthony Bugeja**, **Qorti tal-Appell, 15 ta' Novembru 2023) (sottolinear ta' din il-Qorti**).

Li l-ħlas fil-fatt ma seħħx joħroġ inkonfuttabbli mill-affidavit ta' l-istess Nutar li rredigiet l-att. Hemm hija ddikjarat is-segwenti:

"*Jiena niftakar illi ix-xerrejja kienet ġabet ic-cheque magħha biex tħallas iżda l-omm baqgħet tinsisti li il-flus iżżommom l-istess bintha...baqgħet tinsisti li żżomm il-flus bintha stess f'isimha ... Jien wara li rajt hekk għidtilha inutli li tikteb cheque li mhux ser jissarraf għax dan jiskadi... . Il-kumpratriċi ...kienet għamlet skrittura kif trid li jinqasmu l-flus li jibqa wara l-mewt tagħha* [fol 715]. *Jiena kont insistejt li din mhux il-format it-tajjeb iżda is-Sinjura Meli ma riedetx tbiddel it-testment li kellha.*"(ara affidavit a' fol 811).

Jirriżulta li l-ħlas baqa' ma sarx billi l-ammont dejjem baqa' f'kont/ijiet f'isem l-istess Konvenuta (ara xhieda Konvenuta a' fol 101 u 102 u fol 198).

Il-Qorti hija moralment konvinta li dawn il-manjieri manifestati mill-omm u l-bint Konvenuta quddiem in-Nutar biex ma jsirx il-ħlas fuq is-suppost kuntratt ta' bejgħ, huma biss teatrini unikament intiżi biex jaħbu donazzjoni. Dan l-aġir huwa aggravat mill-manuvra tal-istess bint konvenuta f'li tagħmel skrittura kif ommha suppost riedet li jinqasmu l-flus

tas-suppost bejgħ, meta l-ħlas ma sarx, u meta dan kellu biss jiġi regolat mill-istess omm b'dispożizzjonijiet testamentarji, mingħajr ebda indħil tal-istess bint Konvenuta.

Il-fatt iżda li l-omm '*ma riedetx tbiddel it-testment li kellha*', akkumpanjat maċ-ċirkustanzi fattwali kollha kif dettaljatament sottomessi min l-Atturi Johanna Borg (a' fol 940 para 17 sa 26) u Maria Concetta Zammit (a' fol 956 para 33 sa 57), jitfgħu dubju serju fuq kemm il-Konvenuta riedet tabilħaqq tħallas il-prezz tal-bejgħ u kemm Mary Angela Meli riedet teffettwa l-istess bejgħ. Dawn il-maniġġi anzi jaffermaw mingħajr l-iċken ombra ta' dubju kemm dak l-att huwa fil-fatt paraventu bil-għan li jiġi maskerat akkwist b'donazzjoni mil-bint Konvenuta Antoinette Cremona.

Il-Qorti sejra għaldaqstant tilqa' t-tielet talba attriċi billi tiddikjara li l-kuntratt, li sar taħt apparenza ta' bejgħ lil Konvenuti konjuġi Cremona fl-atti tan-Nutar Dottor Tania Farrugia datat 21 ta' April 2006, huwa milqut minn simulazzjoni relattiva, b'dan li huwa effettivament kuntratt ta' donazzjoni magħmula lil-Konvenuta Antoinette Cremona waħidha. Huwa evidenti li żewġha, li qatt ma ntervjena f'din il-kawża, deher għall-att apparenti ta' bejgħ in virtù ta' dak dispost fl-artikolu 1322(3)(a). Dan l-att iżda huwa effettivament wieħed ta' donazzjoni a favur il-Konvenuta Antoinette Cremona. Għalhekk din id-donazzjoni għandha, a tenur tal-artikolu 1334(1) u 1320 tal-Kodiċi Ċivili, tifforma parti mil-ġid patrimonjali tagħha u mhux tal-komunjoni tal-akkwisti bejnha u bejn żewġha (**Peter**

**Paul Muscat pro et noe vs Francis Muscat et**, Qorti tal-Appell, 2 ta' Lulju 2010).

Il-Qorti sejra konsegwentement tastjeni milli tqis ir-raba' talba Attriċi li saret biss "*in linea sussidjarja u alternattiva, f'każ li din il-Qorti tiċħad it-*[tielet] *talba preċedenti*".

Il-Qorti sejra konsegwentement ukoll tilqa' l-ħames talba Attriċi. Dan billi, ladarba l-att huwa wieħed ta' donazzjoni, japplika għal Konvenuta l-obbligu impost bl-artikoli 913 et seq tal-Kap. 16 li tgħodd akkont tas-sehem tagħha, u fl-interess ta' ħuta wkoll werrieta, il-valur ta' dak li hija ħadet b'donazzjoni direttament mingħand il-mejta omm, li naqset milli tiddisponi xort'oħra.

Diverżament minn dak sottomess mill-Konvenuta, dan l-obbligu ma hux meħlus mil-kollazzjoni a tenur tal-artikolu 920 tal-Kap. 16. Kif konsidrat din il-Qorti, l-att apparenti ta' bejgħ huwa afflitt min simulazzjoni relattiva, b'dan illi huwa effettivament donazzjoni magħmula lil Konvenuta u mhux lil Konvenuta u żewġha. Għaldaqstant ma hemm xejn li għandu jitqies magħmul bil-ħelsien tal-obbligu tal-kollazzjoni.

A tenur tal-artikolu 931 tal-Kap. 16, il-kollazzjoni għandha "*ssir billi jingħadd akkont ta' sehem id-donatarju l-valur tal-ħaġa fiż-żmien tal-ftuħ tas-suċċessjoni.*"

Permezz ta' digriet mogħti fis-6 ta' Ottubru 2015 (fol 597), din il-Qorti diverżament presjeduta laqgħet l-ewwel talba tar-Rikors preżentat mill-atturi fl-24 ta' Ġunju 2015 (fol 592) u nnominat Perit Tekniku biex jirrelata dwar it-talba relattiva 3(1), ossia li jagħti stima tal-fond fil-waqt tal-att apparenti ta' bejgħ. Dan billi, kif spjegat fil-para b ta' l-istess rikors, il-kuntratt tal-21 ta' April 2006 sar biss ftit xhur qabel l-apertura tas-suċċessjoni ta' Mary Angela Camilleri fit-18 ta' Jannar 2007, u għaldaqstant m'għandux jirriżulta li kien hemm varjazzjoni konsiderevoli fil-valuri.

Fir-relazzjoni tiegħu, il-perit stima li din il-proprjetá fis-sena 2006 kienet tiswa €126,000 (ara rapport a' fol 628). B'hekk jigi li l-Konvenuta Antoinette Cremona trid tikkollazzjona a favur ta' l-eredita' tal-mama tagħha s-somma totali ta' mija sitta u għoxrin elf Ewro (€126,000), ekwivalenti għal LM54,091.80.

Il-Qorti sejra issa tgħaddi biex tqis is-sitt talba attriċi rigwardanti l-ammonti tal-legati spettanti lill-attriċi Maria Concetta Zammit. Kif ġia fuq senjalat, dawn jikkonsistu fil-flus kollha depositati f'isem il-mama tagħha Mary Angela Meli kemm f'banek f'Malta, kif ukoll f'Banek barra min Malta.

F'dan ir-rigward l-Atturi jippremettu u jissottomettu li, bis-saħħa tal-prokura li kellha fil-pussess tagħha, datata 24 ta' Awwissu 2005 (fol 163), l-Konvenuta approprjat ruħha indebidament, mhux biss min dawn il-flejjes iżda mill-assi kollha ta' ommha Mary Angela Meli b'mod li "*l-kapital ta'*

*Mary Angela Meli spiċċa kollu għand il-familja tal-Konvenuta. Bejn Ġunju 2005 u Lulju 2006, effettivament Mary Angela Meli bażikament illikwidat jew iddisponiet mill-assi kollha tagħha*" (nota fol 840 para 15; ara premessa numru 6, nota sottomissjonijiet Johanna Borg a' fol 939 para 14 sa 16 u nota sottomissjonijiet Maria Concetta sive Marie Zammit a' fol 970 para 96 sa 103).

Il-liġi permezz tal-artikolu 1875 tal-Kap. 16, tobbliga lil Konvenuta, qua mandatriċi tal-mama tagħha Mary Angela Meli, li tagħti rendikont sħiħ bil-mod kif imfisser fl-artikolu 389 tal-Kap. 12. lil Atturi, qua werrieta tal-istess Mary Angela Meli. Dan sabiex ikunu f'qagħda li jistħarrġu t-tmexxija tal-ġid tal-mejta ommhom meta din kienet għadha ħajja u l-konvenuta kienet taġixxi bħala mandatarju tagħha (ara f'dan ir-rigward **Hector Tanti et vs Alfio Micallef Grimaud**, **Prim' Awla tal-Qorti Ċivili, 12 ta' Jannar 2010 kif konfermata mil-Qorti tal-Appell fil-31 ta' Mejju 2013**).

Fl-eżekuzzjoni minnha tal-mandat, il-Konvenuta kienet marbuta bis-setgħat mogħtija lilha u ma setgħet tagħmel xejn li joħroġ mil-limiti tal-mandat, altrimenti trid twieġeb għad-danni u imgħaxijiet a' tenur tal-artikolu 1873(1) tal-Kap. 16 (ara **Christopher Abela et vs Patrick John Vella**, **Qorti Ċivili Prim' Awla, 24 ta' Frar 2022 kif konfermata mill-Qorti tal-Appell fis-26 ta' Ottubru 2022**).

Bil-premessa numru 6, l-Atturi qed jistiednu din il-Qorti tistħarreġ l-aġir tal-Konvenuta fl-eżekuzzjoni tal-mandat. Ma saret madanakollu ebda talba

għal dikjarazzjoni li dan l-aġir tal-Konvenuta jikkostitwixi misapproprijazzjoni indebita minn fondi tal-assi ereditarji tal-istess decujus Mary Angela Meli u għal rifużjoni u likwidazzjoni tal-flejjes/assi ereditarji hekk approprijati indebitament. Fin-nuqqas ta' talba bħal din, ma huwiex kompitu ta' din il-Qorti li tistħarreġ dan l-aġir, altrimenti tkun qed tiddeċidi oltre dak mitlub (ultra petita) jew għal kollox 'il barra minn dak mitlub (extra petita): "*Kif ampjament jirrizulta mill-gurisprudenza nostrali l-principji guridici in materia jipprovdu li: (i) Il-Qorti ghandha toqghod ghat-termini tad-domanda jew domandi; u s-sentenza ghandha tkun konformi ghad-domanda. Jekk imbaghad il-Qorti tiddeciedi fuq kawzali diversa, id-decizjoni taghha tkun extra petita;* (ii) *hemm l-extra petita jew l-ultra petita meta tigi sostitwita ghall-azzjoni jew ghad-domanda avvanzata mill-attur, azzjoni jew domanda ohra li minnu ma gietx proposta, jew meta d-decizjoni tmur iktar 'l hemm mid-domanda jew azzjoni avvanzata.*" (**Ronald Agius et vs Paul Portelli, Qorti tal-Appell, 2 ta' Marzu 2007**).

Il-Qorti sejra għaldaqstant tiddetermina din it-talba, u l-bqija tat-talbiet, fuq dak li mill-atti jirriżulta li hemm bħala assi fil-mument tal-apertura tas-suċċessjoni tal-omm. Dan mingħajr ma tqis jekk hemmx assi oħra li ġew approprjati indebitament mill-Konvenuta bil-prokura tal-24 ta' Awwissu 2005.

Il-Qorti fliet il-kontijiet bankarji f'isem Mary Angela Meli kif preżentati mir-rappreżentanti tal-bank APS (Dok DG1 a' fol 156, Dok DG2 a' fol 160, Dok DG3 a' fol 161 u Dok DG4 a' fol 164) u tal-bank BOV (Dok RA1 a' fol 165, Dok RA2 a' fol 166 u Dok RA3 a' fol 167) minn fejn jirriżulta li fihom ma kienx hemm flus depżitati fid-data tal-apertura tas-suċċessjoni, jiġifieri 18 ta' Jannar 2007. L-uniku kont bankarju li fih hemm ammont depożitat fl-imsemmija data huwa dak tan-National Savings and Investments preżentat mill-attriċi Marie Zammit (Dok AB1 a' fol 509). Skont dan il-kont l-ammont hemm depożitat kien ta' £1,341.86 ekwivalenti għal €1,560.17. Ma' dan l-ammont għandu jiżdied dak depositat f'isem l-Attriċi Johanna Borg nieqes l-ispejjeż tal-funeral u xahar quddies Gregorjan, ammontanti għal €16,579.91 (€18,634.99-€1,546.70-€139.76-€209.64-€158.98).

Isegwi għalhekk li l-legati spettanti lill-attriċi Maria Concetta Zammit jammontaw għal €19,581.68 (€16,579.91 + €1,560.17).

Il-Qorti għalhekk sejra tipprovdi għas-seba' talba billi tordna li l-attriċi Maria Concetta sive Marie Zammit tiġi immessa fil-pussess tal-legat imsemmi fl-ammont ta' €19,581.68.

Il-Qorti sejra issa tgħaddi biex tiddetermina l-konsistenza tal-assi tal-mejta Mary Angela Meli ai fini ta' l-ewwel talba.

Skont it-traskrizzjoni tar-riċerki, permezz ta' diviżjoni datata 12 ta' Ġunju 1973 ġew assenjati lil Mary Angela Meli is-segwenti proprejtá (a' fol 573):

1. Id-dar numru 72 Norfolk Street Sliema. Dan ġiet trasferit bl-att simulat tal-21 ta' April 2006 favur il-Konvenuta (fol 16);
2. Il-fond numru 49, Vincenzo Bugeja Street Ħamrun. Dan ġie trasferit lil terzi b'att datat 3 ta' Ġunju 2005 (fol 224).
3. L-utile dominju temporanju li jagħlaq fis-sena 2029, jiġifieri ħames snin oħra, tal-fond numru 47 Saint Vincent Street Sliema. Dan ġie mħolli bħala legat lil bint l-Attriċi Johanna Borg.
4. Il-fond numru 275 High Street, San Pawl il-Baħar. Dan ġie donat lil ulied il-Konvenuta b'att tas-26 ta' Janar 2006 (ara nota ta' insinwa a' fol 61).
5. L-għalqa fil-limiti ta' Ħal Qormi fil-kontrada 'Tal-Ħlas' magħrufa bħala 'Ta' Xanati' sive 'Ta Xanta'. Din ġiet trasferita b'titolu ta' emfitewsi perpetwa lill-erbgħa uliedha b' kuntratt tal-24 ta' Awwissu 1985 (ara fol 233). Skont kuntratt datat 6 ta' Lulju 2005 waħda min sittax (1/16) parti indiviża ta' din l-għalqa ġiet donata lill-ulied il-Konvenuta (ara nota ta' insinwa a' fol 60).

Fir-rigward tal-mobbli u l-fajjenza, l-Qorti ma hiex se tidħol fl-intriċċi ta' min ħa x'hiex u min ta' xhiex u min għandu jieħu u jagħti x'hiex. Dan billi l-valuri ta' dawn l-oġġetti huma fil-maġġoranza tagħhom negliġibbli u għalhekk ma jwasslux għal bidla sinjifikanti fil-valur tal-assi ereditarji mobbli ta' Mary Angela Meli.

Il-Qorti sejra għalhekk tqis bħala possedimenti ta' Mary Angela Meli dawk il-mobbli u fajjenza elenkati min numru 7 sa 137, a' fol 782 sa 784, total ta' €2,662, dawk elenkati min numru 42 sa 120 (a' fol 784 sa 786) fl-ammont ta' €413, dawk elenkati min numru 138 sa 151 taħt it-titolu '*Items seen at Attard residence* fl-ammont kalkolat minn din il-Qorti ta' €278, dawk elenkati taħt '*JB12 – items belonging to Mary Meli*' u '*Mum's Items*' a' fol 787 maħdum minn din il-Qorti fl-ammont ta' €6,558. Għaldaqstant l-ammont globali ta' mobbli u fajjenza li ġiet murija u/jew magħrufa lill-espert tammonta għal €9,911 (€2,662+€413+€278 €6,558).

Isegwi għalhekk li l-valur komplessiv tal-assi ereditarji tal-mejta Mary Angela Meli huwa s-segwenti:

1. €19,581.68 (valur ta' depositi bankarji mħollija bħala legati lill-attriċi Maria Concetta Zammit);
2. €9,911 (valur tal-mobbli u fajjenza);
3. €126,000 (valur tal-proprjetá 72, Norfolk Street Sliema donata lill-Konvenuta bl-att simulat tal-21 ta' April 2006 u ammont illi l-istess Konvenuta trid tikkollazzjona);
4. €55,904 (LM24,000) (ammont ta' €27,952.48 (LM12,000) kull wieħed donat lill-attriċi Maria Concetta sive Marie Zammit u l-Konvenuta Antoinette Cremona bl-Att tal-10 ta' Ġunju 2005 liema ammont irid jiġi kollezzjonat mill-istess Maria Concetta sive Mari Zammit u l-Konvenuta Antoinette Cremona).

Il-Konvenuta tissottometti fin-nota tagħha li għandha tiġi kollezzjonata wkoll id-'*dota*' ta' l-Attriċi Marie Zammit dikjarata fl-att tal-14 ta' Diċembru 1983 (fol 865). F'din id-dikjarazzjoni però ma ingħatat ebda dota iżda sempliċiment ġew '*għal kwalunkwe buon fini*' dikjarati il-possedimenti tal-Attriċi Maria Concetta sive Marie Zammit. Ma hemm xejn għalhekk x'jiġi kollezzjonat minn dawn il-possedimenti.

Ai fini tat-tmien talba, l-assi tal-mejta, wara li jitħallsu l-legati lill-Attriċi Maria Concetta Zammit, huwa ta' €191,537 (€9,633+€126,000+€55,904). Dan l-ammont, diviż fi tlett porzjonijet ugwali. jwassal għas-somma ta' €60,634.67 ((€126,000+€55,904) ÷3) u fajjenza u mobbli f'valur ta' €3,303.67.

Għaldaqstant u ai fini tal-għaxar talba, is-sehem dovut mil-wirt ta' Mary Angela Meli lil Attriċi Johanna Borg huwa ta' fajjenza u mobbli f'valur ta' €3,303.67 u s-somma ta' €60,634.67. Din is-somma għandha tiġi ekwiparata mill-Attriċi Maria Concetta sive Marie Zammit fl-ammont ta' €9,317.49 (€27,952.48÷3) u mill-Konvenuta Antoinette Cremona fl-ammont ta' €51,317.18.

Is-sehem dovut mil-wirt ta' Mary Angela Meli lil Attriċi Maria Concetta sive Marie Zammit huwa ta' fajjenza u mobbli f'valur ta' €3,303.67 u s-somma ta' €32,682.19 (€60,634.67 nieqes l-ammont ta' €27,952.48 donat lilha bl-

att tal-10 ta' Ġunju 2005). Din is-somma ta' €32,682.19 għandha tiġi ekwiparata mill-Konvenuta Antoinette Cremona.

Is-sehem dovut mill-wirt ta' Mary Angela Meli lil Konvenuta Antoinette Cremona huwa ta' fajjenza u mobbli f'valur ta' €3,303.67.

Il-Qorti sejra issa tikkunsidra it-tieni talba rigwardanti l-konsistenza tal-assi tal-mejta Rita Meli. Joħroġ mir-riżultanzi probatorji li fil-mument tal-apertura tas-suċċessjoni tagħha Rita Meli ma kien baqala ebda flejjes fil-kontijiet bankararji f'isimha (ara Dok RA3 a' fol 330, Dok RA 4 a' fol 342 u Dok RA 5 a' fol 354). Għaldaqstant l-assi tagħha jikkonsistu biss fil-mobbli u l-fajjenza elenkati taħt '*Rita Items*' fir-rapport tal-espert fl-ammont ta' €3,508 (ara fol 732).

Għaldaqstant u ai fini tad-disa' talba, is-sehem dovut mil-wirt ta' Rita Meli lil-werrieta kontendenti huwa ta' fajjenza u mobbli f'valur ta' €1,169.33 kull wieħed.

Konsegwentement, u ai fini tat-talba numru ħdax, il-Qorti sejra tordna lill-kull waħda mill-kontendenti tingħata fajjenza u mobbli f'valur ta' €1,169.33.

**Decide**

Għaldaqstant u għar-raġunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi;

**Tilqa' l-ewwel talba attriċi** u tiddikjara u tiddeċiedi fuq il-konsistenza tal-assi tal-mejta Mary Angela Meli bil-mod kif indikat f'din is-sentenza.

**Tilqa' t-tieni talba attriċi** u tiddikjara u tiddeċiedi fuq il-konsistenza tal-assi tal-mejta Rita Meli bil-mod kif indikat f'din is-sentenza.

**Tilqa' t-tielet talba attriċi u tiddikjara u tiddeċiedi** li l-kuntratt, li sar taħt apparenza ta' bejgħ lill-Konvenuti konjuġi Cremona fl-atti tan-Nutar Dottor Tania Farrugia datat 21 ta' April 2006, hu afflitt minn simulazzjoni relattiva, b'dan li huwa effettivament kuntratt ta' donazzjoni magħmula lill-Konvenuta Antoinette Cremona waħidha.

**Tastjeni milli tieħu konjizzjoni tar-raba' talba**.

**Tilqa' l-ħames talba** u tiddikjara u tiddeċiedi li l-proprjetá immobiliari 72, Norfolk Street, Sliema hija inkluża u suġġetta għall-kollazzjoni skont l-Artikolu 913 et sequitur tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

**Tilqa' s-sitt talba u tiddikjara u tiddeċidi** li l-legati spettanti lill-attriċi Maria Concetta Zammit jammontaw għal €19,581.68.

**Tilqa' s-seba talba attriċi** u tordna li l-attriċi Maria Concetta sive Marie Zammit tiġi immessa fil-pussess tal-legat imsemmi fl-ammont ta' €19,581.68.

**Tilqa' t-tmien talba attriċi** u tiddikjara li l-assi tal-mejta Mary Angela Meli, wara li jitħallsu l-legati skont kif stipulat fl-aħħar testment tagħha (Dok. D), u wara li ssir il-kollazzjoni skont il-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta, għandhom jinqasmu fi tlett (3) porzjonijet ugwali bejn it-tlett werrieta tagħha u ċjoè il-kontendenti Johanna Borg, Maria Concetta sive Marie Zammit u Antoinette Cremona bil-mod indikat f'din is-sentenza.

**Tilqa' d-disa' talba attriċi** u tiddikjara u tiddeċiedi li l-assi tal-mejta Rita Meli għandhom jinqasmu fi tlett (3) porzjonijiet ugwali bejn it-tlett werrieta tagħha u ċjoè il-kontendenti Johanna Borg, Maria Concetta sive Marie Zammit u Antoinette Cremona bil-mod kif indikat f'din is-sentenza.

**Tilqa' l-għaxar talba attriċi** u tillikwida u tiddividi s-sehem dovut lil kull waħda mill-imsemmija eredi ta' Mary Angela Meli kif ġej:

1. Is-sehem dovut lill-Attriċi Johanna Borg huwa ta' fajjenza u mobbli f'valur ta' €3,303.67 u s-somma ta' €60,634.67;
2. Is-sehem dovut lil Attriċi Maria Concetta sive Marie Zammit huwa ta' fajjenza u mobbli f'valur ta' €3,303.67 u s-somma ta' €32,682.19;
3. Is-sehem dovut lil Konvenuta Antoinette Cremona huwa ta' fajjenza u mobbli f'valur ta' €3,303.67;

Il-Qorti tiddeċidi fuq il-ħlas ta' dan is-sehem billi <u>tordna</u>:-

4. (Tordna) lill-Konvenuta Antoinette Cremona tħallas lill-Attriċi oħtha Johanna Borg l-ammont ta’ €60,634,67 u lill-Attriċi oħtha l-oħra Maria Concetta sive Marie Zammit is-somma ta’ €32,682.67 bl-imgħax legali dekorribli mid-data ta’ meta ġiet presentata din il-Kawża sal-ħlas effettiv.[1]
5. Lill-kontendenti kollha werrieta ta’ Mary Angela Meli jaqsmu l-mobbli u l-fajjenza f’valur ta’ €3,303.67 kull wieħed.

**Tilqa’ il-ħdax -il talba attriċi** u tillikwida u tiddividi s-sehem dovut lil kull waħda mill-imsemmija eredi ta’ oħthom Rita Meli f’fajjenza u mobbli f’valur ta’ €1,169.33 kull wieħed u tordna lill kull waħda mill-imsemmija eredi kontendenti jaqsmu l-mobbli u l-fajjenza f’valur ta’ €1,169.33 kull wieħed.

Tordna li l-ispejjeż kollha tal-kawża jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet b’dana li kull parti għandha tissaporti l-ispejjeż tagħha.

**Imħallef Toni Abela**

**Deputat Reġistratur**

[1] korr. awt. b’digriet datat 14 ta’ Frar 2024